SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 21/K8/16

Data: 26 ta' Settembru 2016

Ħin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Brian Azzopardi
L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea

Skużati: (2) - Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy (Inc. 5969/16) u l-Kunsillier Martin John Sultana (Inc. 6040/16) sabiex jiġu skużati għal-laqgħa ta' Settembru 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn jiġu skużati.

Assenti: (0)

Preżenta tal-Pubbliku – (1) – Miss Malta Ms. Laura Rizzo.

---

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016;
6. Għoti ta' tender tal-Bulky Refuse;
7. Għoti ta' tender tal-iStreet Cleaning Service;
8. Hruġ ta' tender dwar Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens;

9 Hruġ ta' tender dwar Upkeep & Maintenance of Access only & Pedestrian Streets;

10 Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

11 Approvazzjoni ta' Pagamenti;

12 Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets;

13 Aġġornament.

**Minuti –*21/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

Il-Kunsill laqa' lill Miss Laura Rizzo l-persuna li ser tirrapreżenta lill-Miss San Ġiljan. Il-Kunsill awgurala kull success.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 20/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Viċi Sindku għamel riferenza għall-1.3.02 fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani, jekk intbagħtitx l-ittra lid-deputati parlamentari tad-distrett, u ġie nfurmat li din intbagħatet pero' ser tintbagħat ittra oħra għax kien hemm xi deputati li nfurmawna li ma rċivewx l-email. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx wasal iż-żmien biex nibagħtu reminder tal-ittra lill-Ministru / Segretarji Parlamentari involuti dwar id-Dar ta' l-Anzjani kif ukoll il-ground tal-futbol minħabba li ġejna nfurmati li l-Kunsillier Martin Sultana kien talab laqgħa mal-uffiċjali inkarigati liema laqgħa kellha ssir fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kunsill qabel li għalissa ma jibagħatx din ir-reminder.

2.02 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward ir-rotta 110, iżda s'issa ma kellniex l-ebda risposta uffiċjali.

2.03 Saret riferenza ghall-appell fir-rigward PA No. 0714/14 fir-rigward *information kiosk* li ser issir gewwa Triq Ross k/m Triq San Ġorġ, għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill ikompli bl-oġġezzjoi tiegħu u jissottometti appell mal-Planning Authority. Il-Perit tal-Kunsill kellu jipprepara dan l-appell.

2.04 Saret sospenzjoni tal-aġenda sabiex item 5 jiġi diskuss qabel item 3.

**5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016.**

5.01 F'dan l-istadju, ġie mistieden għal-laqgħa, l-accountant tal-Kunsill sabiex niddiskutu miegħu r-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016 li ġie mressaq mis-Segretarju.

5.02 L-accountant ta rendikont tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta'Ġunju 2016.

5.03 Wara li saru xi domandi mill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016.

5.04 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħaddiem Mario Zammit fl-iskema ta' l- IPSL spiċċa u issa mill-ewwel ta' Ottubru ser jibda jaħdem magħna is-Sur Carmelo Sant.

3.02 Ingħatat spjegazzjoni ta' x'sar waqt il-laqgħa li s-Segretarju u s-Sindku kellhom ma' Kunszentmiklos ġewwa l-Ungerija fejn fihom ġie inizjat ftehim ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Filwaqt li s-Sindku nforma lill-Kunsill bl-ospitalita' sabiħa li tawhom waqt iż-żjara, jidher li l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet tista' tagħti l-frott tagħha. Il-Kunsill se jissottometti applikazzjoni mad-Dipartiment, kif ikollna din l-approvazzjoni isir l-iffirmar tal- ġemellaġġ ġewwa Malta.

3.03 Is-Segretarju inomina lis-Sur Anthony Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, din in-nomina ġiet aċċettata unanimament.

3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li uħud mill-cameras tal-Bring in Sites bdew jiffunzjunaw.

3.05 Saret diskussjoni dwar il-master plan li ġie ppublikat fuq Paceville. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex issir laqgħa informattiva fejn fiha jiġu mistiedna r-rappreżentanti tal-Planning Authority, il-Perit tal-Kunsill, u persuna minn Din l-Art Ħelwa. Dwar laqgħa konsultativa ma' residenti, l-Kunsill iddeċida li jistenna biex tiġi organizzata min-naha tal-Awtorita' fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma' jeskludix li jsejjaħ laqgħa għar-residenti hu.

3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien qed isir tindif min-naha tal-Cleansing Service Directorate. Issa l-Kunsill ser jagħmel intervent ieħor għaliex hemm materjal li għandu jitella' b'makkinarju.

3.07 Fl-aħħar ta' Settembru ser jieqaf l-ġbir ta' skart *extra* tal-borża s-sewda filgħaxija nhar ta' Tlieta u Ġimgħa.

3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jibda jsir it-tindif tal-*culverts* fil-lokalita'.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

***Rif Nru. 5637***

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur James Wightman dwar Triq il-Qalb Imqaddsa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż

unanimament li issir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

***Rif. Nru. 5746***

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat b' email mingħand ŻfinMalta dwar proġett ta' V18.

***Rif Nru. 5767***

4.04 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar *risk assessment* u *schedule training*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibagħat għat-taħriġ, membri mill-istaff tiegħu.

***Rif Nru. 5819***

4.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand Tipico Co Ltd. Dwar attivitajiet f'San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u li kien lest joffri s-servizz ta' skip.

**Rif Nru. 5852**

4.06 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand GreenPak Ltd dwar tqassim tal-boroż tar-reċiklaġġ.

**Rif Nru. 5980**

4.07 Saret riferenza għat-talba mingħand l-iskrivana Marilyn Cassar sabiex il-ġranet tal-leave pendenti tas-sena 2016 jiġu trasferiti għas-sena 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**Rif Nru. 5967**

4.08 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Stephen Farrugia MP & DC fir-rigward xogħolijiet tal-Public Private Partnership. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra tintbagħat lil Polidano Brothers għall-kummenti tiegħu.

**Rif Nru. 5993**

4.09 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Premju Anzjanita' Attiva' 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġi nnominat is-Sur John Agius bħala Anzjan Attiv.

**Rif Nru. 6018**

4.10 Saret riferenza għall-email mingħand Raymond Abela dwar courses organiżżati mit-TCTC. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa miegħu.

**Rif Nru. 6041.**

4.11 Saret riferenza għall-proposta mingħand Massive Promotions dwar St. Patrick's Day. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li filwaqt li l-Kunsill kien qed jaqbel per prinċipju , qiegħed jaqbel mal-proposta tiegħu u għandha tissejjaħ laqgħa fejn fiha jiġu miftehma l-kundizzjonijiet min-naħa tagħna fosthom li jintalab kumpens finanzjarju.

4.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Hadd ser isir dive f'Balluta fejn il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

4.13 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-problema li hemm fit-taraġ tas-Saddles minħabba li l-iżvillupatur ħareġ il-barra bl-iscaffolding. Għalhekk kellna niktbu lill-Kuntrattur sabiex jagħmel miżuri biex ineħħi l-periklu.

**6. Għoti tat-tender tal-*Bulky Refuse***

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bir-rapport mill-Kumitat tal-evalwazzjoni dwar żewġ tenders.

6.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li tintgħażel l-offerta ta' Melchiore Dimech minħabba li hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

6.03 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Għoti ta' tender tal-i*Street Cleaning Service***

7.01 Wara diskussjoni qasira, Il-Viċi Sindku Albert Butiggieg ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Galea Solutions minħabba li hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

7.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

7.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Hruġ ta' tender dwar Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħareġ it-tender dwar *cleaning and maintenance of Parks & Gardens.*

**9. Hruġ ta' tender dwar Upkeep & Maintanance of Access only & Pedestrian Streets**

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħareġ it-tender dwar *Upkeep & Maintenance of Access only & Pedestrian Streets.*

**10. Affarijiet oħra meqjusa urġenti.**

10.01 Rigward il-proposta għad-*day centre* għall-anzjani ġewwa tas-Sliema għandu jsir avviż fil-knisja biex kull min hu interessat li japplika għandu japplika l-Kunsill ħalli ikun jista' jara x'konkorrenza ser ikun hemm.

10.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fis-6.40p.m.

10.03 Il-Kunsill ġie nfurmat lis-Sur Brian Azzopardi wasal biex jispiċċa bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u awgurawlu kull suċċess għall-futur filwaqt li s-Sindku ppreżenta rigal żgħir f'isem il-Kunsill.

**11. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi ' A').

11.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

11.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

11.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**12. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

12.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4050 sa' 4065. (Ara Appendiċi 'B')

12.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 4050 sa' 4065.

**13. Aġġornament**

13.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il- Hamis 27 ta’ Ottubru fl-4.00p.m.

13.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: